KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 15 ta' Ottubru 2009 (20.10)
(OR. en)

14206/1/09
REV 1

SOC 578

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. preċ.: | 11820/09 SOC 432 |
| Suġġett: | Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà tal-Moviment tal-Ħaddiema<br>- Ħatra tas-Sinjura Fiona KILPATRICK u tas-Sinjura Carolyn BARTLETT bħala membri tar-Renju Unit minflok is-Sur Peter BODE u s-Sinjura Seonaid WEBB, li rriżenjaw |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie informat bir-riżenja tas-Sur Peter BODE u tas-Sinjura Seonaid WEBB, membri fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għar-Renju Unit) tal-Kumitat imsemmi hawn fuq.

2. Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità, il-membri u l-membri supplenti huma maħtura mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tar-Renju Unit ippreżenta l-kandidaturi li ġejjin għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-24 ta' Settembru 2010:


Is-Sinjura Fiona KILPATRICK
Department for work and pensions
EU and Free Movement Team
Joint International Unit
Level 2
Caxton House
Tothill Street
UK-LONDON SW1H 9NA
Tel +44 (0)20 7340 4497
Fax +44 (0)20 7340 4472
*Posta elettronika: Fiona.kilpatrick@dwp.gsi.gov.uk*

Is-Sinjura Carolyn BARTLETT
Head of the EEA Policy Team
UK Border Agency
Seacole Building
2 Marsham Street
UK-LONDON SW1P 4DF
Tel + 44 (0) 207 035 3276
*Posta elettronika:: carolyn.bartlett6@homeoffice.gsi.gov.uk*


4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li taħtar żewġ membri tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà tal-Moviment tal-Ħaddiema, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tal-ħatriet, għall-informazzjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
li taħtar żewġ membri
tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà tal-Moviment tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta’ Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità[1], u b’mod partikolari l-Artikoli 26 u 27 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-25 ta’ Settembru 2008[2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà tal-Moviment tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta’ Settembru 2010.

(2) Żewġ postijiet ta' membri fil-kategorija ta' rappreżentanti tal-gvern saru vakanti minħabba r-riżenja tas-Sur Peter BODE u tas-Sinjura Seonaid WEBB.

(3) Il-gvern tar-Renju Unit ippreżenta l-kandidaturi għall-posijiet vakanti,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1 ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2.
2 ĠU C 253, 4.10.2008, p. 7.

Artikolu uniku

Is-Sinjura Fiona KILPATRICK u s-Sinjura Carolyn BARTLETT huma b'dan maħtura membri tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà tal-Moviment tal-Ħaddiema minflok is-Sur Peter BODE u s-Sinjura Seonaid WEBB għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-24 ta' Settembru 2010.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President